

Brussell, 11 ta' Mejju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0101 (NLE)

9081/26
ADD 1

JAI 549
COPEN 167
CYBER 215
ENFOPOL 164
TELECOM 223
EJUSTICE 23
MI 449
DATAPROTECT 149

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 8 ta' Mejju 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2026) 186 annex

Suġġett: ANNESS
tal-proposta għal
Deċiżjoni tal-Kunsill
li tiddetermina l-kriterji u l-proċedura biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tat-talbiet għal adeżjoni ta' partijiet terzi mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità ("il-Konvenzjoni ta' Budapest")

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 186 final.

Mehmuż: COM(2026) 186 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2026
COM(2026) 186 final

ANNEX

ANNEX

tal-proposta għal

Deċiżjoni tal-Kunsill

li tiddetermina l-kriterji u l-proċedura biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tat-talbiet għal adeżjoni ta' partijiet terzi mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità ("il-Konvenzjoni ta' Budapest")

ANNEX

Objettivi u kriterji għall-istabbiliment tal-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward ta' stedinet għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità ("il-Konvenzjoni ta' Budapest")

Objettivi

1. Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali aktar b'saħħitha fil-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità u fl-iskambju ta' evidenza diġitali.
2. Il-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istabbiliment ta' salvagwardji relatati mas-setgħat proċedurali u l-kooperazzjoni internazzjonali.
3. Il-ħidma għall-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi u strateġiċi.
4. Il-faċilitazzjoni ta' azzjonijiet effettivi ta' bini tal-kapaċità.

Kriterji

Meta tivvaluta talba għal adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' Budapest minn Stat li ma jkunx Parti għaliha, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-aspetti li ġejjin:

1. Leġiżlazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità: tivvaluta l-punt sa fejn il-leġiżlazzjoni domestika fis-seħħ fl-Istat li jitlob l-adeżjoni tkopri r-reati u s-setgħat proċedurali tal-Konvenzjoni ta' Budapest, kif ukoll jekk ir-riformi li għaddejjin humiex maħsuba biex iġibu allinjament aktar mill-qrib magħha.
2. L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali: tivvaluta li l-Istat li mhuwiex Parti għall-Konvenzjoni huwa firmatarju ta' oqfsa internazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u li implimenta miżuri fil-livell nazzjonali biex jipproteġi dawn id-drittijiet, inkluż id-dritt li persuna ma tkunx soġġetta għal pienen inumani u degradanti u lanqas għall-piena tal-mewt, kif ukoll tivvaluta l-punt sa fejn l-eżerċizzju tas-setgħat proċedurali mill-Istati huwa soġġett għal kundizzjonijiet u salvagwardji suffiċjenti.
3. Allinjament mal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar iċ-ċiberkriminalità: tivvaluta l-punt sa fejn l-Istat li jitlob l-adeżjoni jappoġġa pożizzjonijiet li huma kompatibbli ma' dawk meħuda mill-Unjoni f'fora internazzjonali (eż. in-Nazzjonijiet Uniti), b'mod partikolari fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni ta' ċerta mgħiba, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, u l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji applikabbli għas-setgħat proċedurali u l-miżuri ta' kooperazzjoni internazzjonali.
4. Livell attwali ta' kooperazzjoni: tivvaluta l-punt sa fejn il-livell ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istat li jitlob l-adeżjoni huwiex rilevanti u jekk l-adeżjoni tal-Istat rikjedenti tistax tikkontribwixxi biex tippermetti kooperazzjoni fil-futur, kemm mal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll ma' Partijiet oħra għall-Konvenzjoni ta' Budapest.
5. Kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa: tivvaluta l-punt sa fejn l-awtoritajiet tal-Istat li qed jitlob l-adeżjoni kkooperaw mal-Kunsill tal-Ewropa u pparteċipaw f'attivitajiet rilevanti.